

31984L0450

L 250/17

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

19.9.1984

DIRETTIVA TAL-KUNSILL
ta' l-10 ta' Settembru 1984
dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri
dwar reklamar qarrieqi

(84/450 KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

Billi l-liġijiet kontra reklamar qarrieqi li hemm bħalissa fis-seħħ fl-Istati Membri jvarjaw ħafna; billi, la darba r-reklamar jmur 'l hinn mill-fruntieri ta' Stati Membri individwali, għandu effett dirett fuq it-twaqqif u l-operat tas-suq komuni;

Billi r-reklamar qarrieqi jista' jwassal għal tgħawwiġ fil-kompetizzjoni fis-suq komuni;

Billi r-reklamar, sew jekk jirriżultax f'kuntratt jew le, jaffettwa l-benesseri ekonomiku tal-konsumaturi;

Billi reklamar qarrieqi jista' jġiegħel konsumatur biex jieħu deċizzjonijiet ta' ħsara għalih meta jikseb merkanzija jew proprjeta' oħra, jew meta juża servizzi, u d-differenzi bejn il-liġijiet ta' l-Istati Membri mhux biss iwasslu, f'ħafna każi, flivelli inadkwati ta' protezzjoni tal-konsumatur, iżda wkoll ifixxlu t-tweqqif ta' kampanji ta' reklamar 'l hinn minn fruntieri nazzjonali u hekk jaffettwaw iċ-ċirkulazzjoni ħielsa ta' merkanzija u provvista ta' servizzi;

Billi t-tieni programm tal-Komunità Ekonomika Ewropea għal politika ta' protezzjoni u ta' informazzjoni tal-konsumatur ⁽⁴⁾ jipprovdi għal azzjoni xierqa għall-protezzjoni tal-konsumaturi kontra reklamar qarrieqi u inġust;

Billi huwa fl-interess tal-pubbliku in ġenerali, kif ukoll dak tal-konsumaturi u dawk kollha li, f'kompetizzjoni ma' xulxin, jeżerċitaw sengħa, kummerċ, negozju, okkupazzjoni jew professjoni, fis-suq komuni, biex jagħmlu jarmonizzaw fl-ewwel istanza dispożizzjonijiet nazzjonali kontra reklamar qarrieqi u li, fit-tieni istanza, reklamar inġust u, sa fejn huwa meħtieġ, reklamar komparattiv għandu jiġi ttrattat a bażi ta' proposti xierqa tal-Kummissjoni;

Billi kriterji minimi u oġġettivi biex jiġi stabbilit jekk reklamar huwiex qarrieqi għandhom jiġu stabbiliti għal dan il-għan;

Billi l-liġijiet li għandhom jiġu adottati mill-Istati Membri kontra reklamar qarrieqi għandhom ikunu adekwati u effettivi;

⁽¹⁾ ĠU C 70, tal-21.3.1978, p. 4.

⁽²⁾ ĠU C 140, tas-6.5.1979, p. 23.

⁽³⁾ ĠU C 171, tad-9.7.1979, p. 43.

⁽⁴⁾ ĠU C 133, tat-3.6.1981, p. 1.

Billi l-persuni jew organizzazzjonijiet meqjusa skond il-liġi nazzjonali bħala li għandhom interess legġittimu fil-kwistjoni għandu jkollhom faċilitajiet biex jagħtu bidu għal proċeduri kontra reklamar qarrieqi, jew quddiem qorti jew quddiem awtorità amministrattiva li tkun kompetenti biex tiddeċidi dwar l-ilmenti jew biex jagħtu bidu għal proċeduri legali xierqa;

Billi sta għal kull Stat Membru li jiddeċidi jekk jagħtix setgħa lill-qrati jew lill-awtoritajiet amministrattivi li jesigū rimedju minn qabel għal mezzi stabbiliti oħra għall-ittrattar ta' l-ilmenti;

Billi l-qrati jew l-awtoritajiet amministrattivi għandu jkollhom setgħat li bihom ikunu jistgħu jordnaw jew jiksbu l-waqfien ta' reklamar qarrieqi;

Billi f'ċerti każi jista' jkun mixtieq li jipprojbixxu reklamar qarrieqi ukoll qabel dan ikun ippubblikat; billi, b'danakollu, dan bl-ebda mod ma jimplika li l-Istati Membri huma obbligati li jdaħħlu regoli li jeħtieġu vvetjar sistematiku minn qabel ta' reklamar;

Billi għandu jkun ipprovdut għall-proċeduri mgħaġġla li taħthom jistgħu jittieħdu miżuri b'seħħ temporanju jew definittiv;

Billi jista' jkun desiderabbli li ssir ordni biex il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet magħmula mill-qrati jew mill-awtoritajiet amministrattivi jew tad-dikjarazzjonijiet korrettivi sabiex jiġi eliminat kull effett kontinwu ta' reklamar qarrieqi;

Billi l-awtoritajiet amministrattivi għandhom ikunu imparzjali u l-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom għandu jkun suġġett għar-reviżjoni ġuridika;

Billi l-kontroll volontarju eżerċitat mill-korpi awto-regolatorji biex jeliminaw reklamar qarrieqi jista' jevita r-rikors għal azzjoni amministrattiva jew ġuridika u għandu għalhekk ikun inkoraġġut;

Billi min jagħmel ir-reklam għandu jkun jista' jipprova, b'mezzi xierqa, l-eżattezza materjali ta' l-asserzjonijiet fattwali li jagħmel fir-reklam tagħu, u jista' f'każi xierqa jkun meħtieġ li jagħmel dan mill-qorti jew mill-awtorità amministrattiva;

Billi din id-Direttiva m'għandhiex tipprekludi lill-Istati Membri milli jżommu jew jadottaw dispożizzjonijiet bil-għan li jsiguraw protezzjoni aktar estensiva tal-konsumatur, persuni eżerċjenti sengħa, negozju, okkupazzjoni jew professjoni, u l-pubbliku ġenerali,

ADOPTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Il-fini ta' din id-Direttiva huwa li jipproteġi konsumaturi, persuni li jeżerċitaw sengħa jew negozju jew li jipprattikaw okkupazzjoni

jew professjoni u l-interessi tal-pubbliku in ġenerali kontra reklamar qarrieqi u l-konsegwenzi inġusti tiegħu.

Artikolu 2

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

1. "reklamar" ifisser l-għemil ta' preżentazzjoni fi kwalunkwe forma b'konnessjoni ma' kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni sabiex jippromwovi l-provvista ta' merkanzija jew servizzi, inkluż proprjetà immobbli, drittijiet u obbligati;
2. "reklamar qarrieqi" jfisser kull reklamar li, bi kwalunkwe mod, inkluż il-preżentazzjoni tiegħu, iqarraq jew ikun hemm proababilta li jqarraq lill-persuni li lejhom ikun ġie indirizzati jew li jasal għandhom u li, minħabba n-natura qarrieqa tiegħu, jista' jaffettwaw l-imġieba ekonomika tagħhom jew li, għal dawk ir-raġunijiet, jagħmel ħsara jew ikun hemm probabilita li jagħmel ħsara lill-kompetitur;
3. "persuna" tfisser kull persuna fiżika jew legali.

Artikolu 3

Biex jiġi stabbilit jekk reklamar huwiex qarrieqi, għandhom jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi tiegħu kollha, u b'mod partikulari kull informazzjoni li jkollu dwar:

- (a) il-karatteristiċi tal-merkanzija jew servizzi, bħad-disponibbiltà tagħhom, in-natura, l-eżekuzzjoni, l-kompożizzjoni, il-metodu u d-data ta' manifattura jew provvista, kemm huma adattati għall-iskop, l-użu, il-kwantita, l-ispeċifikazzjoni, l-orijini ġeografika jew kummerċjali jew ir-riżultati li għandhom jistennew mill-użu tagħhom, jew ir-riżultati u l-karatteristiċi materjali tat-testijiet jew kontrolli imwettqa fuq il-merkanzija jew servizzi;
- (b) il-prezz jew il-manjiera li bihom l-prezz jiġi kkalkolat, u l-kondizzjonijiet li bihom il-merkanzija tkun pprovduti jew is-servizzi jkunu mogħtija;
- (c) in-natura, l-attributi u d-drittijiet ta' min jagħmel ir-reklam, bħall-identità u l-assi tiegħu, il-kwalifiki u l-pussess ta' drittijiet ta' proprjetà industrijali, kummerċjali jew intellettuali jew il-premijiet u d-distinzjonijiet tiegħu.

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jeżistu mezzi adegwati u effettivi għall-kontroll ta' reklamar qarrieqi fl-interessi tal-konsumaturi kif ukoll tal-kompetituri u l-pubbliku inġenerali.

Dawn il-mezzi għandhom jinkludu dispożizzjonijiet legali li taħt-hom persuni jew organizazzjonijiet meqjusa taħt il-liġi nazzjonali bħala li għandhom interess leġittimu fil-projbizzjoni ta' reklamar qarrieqi jistgħu:

- (a) jieħdu azzjoni legali kontra tali reklamar; u/jew
- (b) iressqu dan ir-reklamar quddiem awtorità amministrattiva kompetenti jew biex tiddeċiedi fuq l-ilmenti jew biex tagħti bidu għal proċeduri legali xierqa.

Sta għal kull Stat Membru li jiddeċiedi liema minn dawn il-faċilitajiet għandhom ikunu disponibbli u jekk jagħmilhiex possibbli għall-qrati jew għall-awtoritajiet amministrattivi li jkun jeh-tiegu rikors minn qabel għal mezzi oħra stabbiliti biex jitrattaw l-ilmenti, inklużi dawn imsemmija fl-Artikolu 5.

2. Skond id-dispożizzjonijiet legali msemmeja fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jagħtu lill-qrati jew l-awtoritajiet amministrattivi setgħat li jagħtuhom is-setgħa, f'każi fejn iqisu li dawn il-miżuri huma meħtieġa waqt li jikkunsidraw l-interessi involuti kollha u b'mod partikulari l-interess pubbliku:

- sabiex jordnaw il-waqfien ta', jew biex jistitwixxu proċeduri legali xierqa għal ordni għall-waqfien ta', reklamar qarrieqi, jew
- jekk reklamar qarrieqi ma jkunx għadu ġie ppubblikat jew il-pubblikazzjoni tkun imminenti, sabiex jordnaw il-projbizzjoni ta', jew biex jistitwixxu poċeduri legali xierqa għal ordni għall-projbizzjoni ta', tali pubblikazzjoni,

ukoll mingħajr prova ta' telf jew ħsara attwali jew ta' intenzjoni jew negliġenza fuq il-parti tar-reklamant.

L-Istati Membri għandhom ukoll jipprovdnu għall-miżuri msemmeja fl-ewwel subparagrafu li għandhom jittieħdu skond proċedura aċċellerata:

- jew b'seħħ temporanju, jew
- b'seħħ definittiv,

bi ftehim li sta għal kull Stat Membru li jiddeċiedi liema jagħżel miż-żewġ għażliet.

B'żieda ma' dan, l-Istati Membri jistgħu jagħtu lill-qrati jew lill-awtoritajiet amministrattivi setgħat li bihom ikunu jistgħu, bil-għan li jeliminaw l-effetti kontinwi ta' reklamar qarrieqi, li l-waqfien tiegħu kien ordnat b'deċizzjoni finali:

- li jitolbu l-pubblikazzjoni ta' dik id-deċizzjoni fl-interità jew f'parti u f'dik il-forma li huma jqisu adegwata,
- li jeh-tiegu b'żieda ma' dan il-pubblikazzjoni ta' dikjarazzjoni korrettiva.

3. L-awtoritajiet amministrattivi msemmeja fil-paragrafu 1 għandhom:

- (a) ikunu kkostitwiti hekk li ma jitfgħux dubbju fuq l-imparzjalità tagħhom;
- (b) ikollhom setgħat biżżejjed, fejn huma jiddeċidu dwar l-ilmenti, biex josservaw kontinwament u jinfurzwaw l-osservanza tad-deċizzjonijiet tagħhom effettivament;
- (c) normalment jagħtu raġunijiet għad-deċizzjonijiet tagħhom.

Billi s-setgħat imsemmija fil-paragrafu 2 huma eżerċitati esklussivament mill-awtorità amministrattiva, dejjem għandhom jingħataw raġunijiet għad-deċizzjonijiet tagħha B'żieda ma' dan f'dan il-każ, għandu jkun hemm dispożizzjoni għal proċeduri li bihom ttwettiq mhux xieraq jew mhux raġonevoli tas-segħat tagħha minn awtorità amministrattiva jew nuqqas mhux xieraq jew mhux raġonevoli biex ttwettaq is-setgħat imsemmija jistgħu jkunu bla ħsara għar-reviżjoni ġudizzjarja.

Artikolu 5

Din id-Direttiva ma teskludix il-kontroll volontarju ta' reklamar qarrieqi minn korpi awto regolatorji u rikors għal dawn il-korpi minn persuni jew organizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4 jekk proċeduri quddiem dawn il-korpi jkunu b'żieda ma' proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi msemmeja f'dak l-Artikolu.

Artikolu 6

L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi setgħat li jagħtuhom poteri fil-proċeduri ċivili jew amministrattivi li hemm ipprovdut dwarhom fl-Artikolu 4:

- (a) biex jesigū lir-riklamant li jagħti xieħda għall-eżattezza tal-pretensjonijiet fattwali fir-reklamar jekk, waqt li jikkunsidra l-interessi leġittimi tar-reklamant u kull parti oħra għall-proċeduri, dan ir-reqwiżit jidher xieraq fuq il-bażi taċ-ċirkustanzi tal-każ partikulari; u
- (b) biex jikkunsidra l-pretensjonijiet fattwali bħala mhux eżatti jekk ix-xieħda mitluba skond (a) ma tingħatax jew titqies bħala mhux suffiċjenti mill-qorti jew awtorità amministrattiva.

Artikolu 7

Din id-Direttiva m'għandhiex teskludi lill-Istati Membri milli jżommu jew jadottaw dispożizzjonijiet bil-għan li jiżguraw protezzjoni aktar estensiva għall-konsumaturi, persuni eżerċjenti l-kummerċ, negozju, senġha jew professjoni, u għall-pubbliku iġenerali.

Artikolu 8

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-miżuri meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-1 ta' Ottubru 1986. Għandhom jgħarrfu bihom minnufih lill-Kummissjoni.

L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet kollha tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam irregolat b'din id-Direttiva.

Artikolu 9

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-10 ta' Settembru 1984.

Għall-Kunsill

Il-President

P. O'TOOLE
